*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,972, 9 ta' Diċembru, 2022*

*Taqsima B*

**A.L. 333 tal-2022**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impiegi u r-relazzjonijiet industrijali, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.

Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati whole-time għandhom jiżdiedu b' disa' euro u disgħin ċenteżimu (€9.90) fil-ġimgħa.

Żieda għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati part-time għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kategorija komparabbli ta' impjegati whole-time fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat whole-time komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin (1/40) tar-rata ta' żidiet kif speċifikat fis-subartikolu (1).